



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 7 ta' Marzu 2012 (08.03)
(OR. en)**

7357/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0037 (NLE)**

**EEE 15
STATIS 19
ENV 184**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	6 ta' Marzu 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 87 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XXI (Statistika)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 87 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.3.2012
COM(2012) 87 final

2012/0037 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
rigward emenda għall-Anness XXI (Statistika)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati r-rekwiżit taċ-ċertezza legali u l-omoġeneità tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni Ewropea fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Anness XXI (Statistika) billi jżid l-acquis ġdid tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

Dan jirrigwarda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej, li għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

Bl-iskop li jiġi implimentat dan l-att, qed jiġu proposti ċerti adattamenti:

- (a) Fir-rigward tal-Islanda, l-Annessi I, II u III għar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mill-ewwel skadenza għat-trażmissjoni sabiex jitqies l-iżvilupp ulterjuri tal-kontijiet ambjentali nazzjonali tal-Islanda.
- (b) Peress li l-Liechtenstein hu diġà eżentat mis-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96¹, dan għandu jkun eżentat ukoll mill-obbligi li jikkonċernaw il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill għandu jstabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal tali Deċiżjonijiet, skont proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għal adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

¹ ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-
ŻEE
rigward e menda għall-Anness XXI (Statistika)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 338(1) u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Anness XXI għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, ("il-Ftehim taż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi fir-rigward tal-istatistika.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej¹, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Fir-rigward tal-Islanda, l-Annessi I, II u III għar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mill-ewwel skadenza għat-trażmissjoni sabiex jitqies l-iżvilupp ulterjuri tal-kontijiet ambjentali nazzjonali tal-Islanda.
- (4) Peress li l-Liechtenstein hu diġà eżentat mis-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96², dan għandu jkun eżentat ukoll mill-obbligi li jikkonċernaw il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XXI għall-Ftehim taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1.

² ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta'

li temenda l-Anness XXI (Statistika) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ...¹.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej², għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 27b (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/2005) tal-Anness XXI għall-Ftehim:

'27c. **32011 R 0691:** Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fir-rigward tal-Islanda, l-Annessi I, II u III għar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mill-ewwel data tal-iskadenza għat-trażmissjoni.
- (b) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal-Liechtenstein.²

¹

ĠU L ...

²

ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil- [...], sakemm ikun saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
[...]

Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
[...]

*

[L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.] [Hemm rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]